Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1244/1997/1

Domenic u Rini konjuġi **MICALLEF**

vs

**MIZZI BROTHERS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Ġunju, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu lill-Qorti (i) ssib li l-ħsara li ħarġet fil-mutur *outboard* tal-Marka "*Mercury 150 h.p.*" minnhom mixtri mingħand il-kumpannija mħarrka f'Lulju tal-1993, kienet ir-riżultat ta' difett moħbi li huma ma setgħux jintebhu bih meta xtraw l-istess mutur; (ii) issib lill-kumpannija mħarrka waħedha responsabbli għall-imsemmija ħsarat, jekk meħtieġ billi tqabbad perit tekniku għal dan il-għan; u (iii) tikkundannaha biex troddilhom lura l-prezz illi huma ħallsuha meta xtraw mingħandha l-imsemmi mutur. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali minn dak inhar li l-kumpannija mħarrka laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Mizzi") fit-8 ta' Mejju, 1998, li biha hija laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni tal-atturi waqgħet bil-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-ftehim tax-xiri kien jeskludi l-garanzija kontra d-difetti moħbija. Minbarra dan, tgħid li l-atturi nfushom ma żammewx il-makna f'kundizzjoni tajba bil-manutenzjoni meħtieġa, u għalhekk m'għandhiex tagħmel tajjeb hi għal dan in-nuqqas. Temmet tgħid li l-ħsarat li minnhom jilmintaw l-atturi ma jistgħu qatt jitqiesu bħala difetti mistura u għalhekk it-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Mejju, 1998[1], li bih ordnat lill-atturi jressqu x-xhieda tagħhom b'affidavit u lill-kumpannija mħarrka biex tressaq kopja tal-ftehim tal-bejgħ tal-makna u tfisser taħt liema artikolu tal-liġi hija ssejjes it-tieni eċċezzjoni tagħha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Mejju, 1999[2], li bih ħatret lill-inġinier Martin Cassano bħala espert tekniku, liema ħatra tneħħiet b'degriet ieħor tagħha tal-5 ta' Mejju, 2000[3], u minfloku tqabbad l-inġinier Paul Cardona;

---

[1] Paġ. 10 tal-proċess
[2] Paġ. 28 tal-proċess
[3] Paġ. 31 tal-proċess

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fil-15 ta' Novembru, 2005[4], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tad-19 ta' Jannar, 2006;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2006, li bih tat lil Mizzi żmien biex tressaq Nota ta' Kritika għar-Rapport tal-perit;

Rat in-Nota ta' Kritika mressqa minn Mizzi fit-28 ta' April, 2006[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-16 ta' Mejju, 2006[6], bi tweġiba għal dik ta' Mizzi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni redibitorja. L-atturi xtraw mutur ta' *speedboat* mingħand Mizzi, iżda wara li wżawha għal xi żmien, ħarġet ħsara fl-istess mutur. Billi l-atturi jgħidu li qabbdu 'l min jifhem biex jara x'kienet il-kawża tal-ħsara, u billi dan għarrafhom li l-kawża kienet ċediment metalliku fil-mutur, dak li ġara kien ħtija ta' difett mistur li x-xerrejja ma setgħux jintebhu bih. Iridu li Mizzi tagħtihom il-flus lura u jieħdu l-mutur li ma jistax jissewwa u mhux tajjeb aktar biex jitħaddem fuq id-dgħajsa tagħhom;

Illi Mizzi laqgħet għal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, qajmet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li dak li ġralu l-mutur kien ħtija ta' manutenzjoni ħażina min-naħa tal-atturi u ġabu dik il-ħsara b'idejhom stess u għalhekk

---

[4] Paġġ. 65 - 76 tal-proċess
[5] Paġġ. 151 – 3 tal-proċess
[6] Paġġ. 156 – 160 tal-proċess

hija m'għandhiex tagħmel tajjeb għall-ħsarat li ħarġu. Fuq kollox, tgħid li l-kuntratt tal-bejgħ tal-mutur kien jeħlisha milli tagħti garanzija kontra d-difetti mistura, u f'kull każ, ħsara bħal dik li ħarġet fil-mutur ma titqiesx bħala difett moħbi;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> juru li fil-21 ta' Lulju, 1993[7], l-attur xtara bin-nifs mingħand Mizzi "*one brand new Merc(ury) 150 with tachometer, speedometer, cruiselog, fuel gauge, power trim, remote control, aluminium propellor*" bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Il-mutur kien jiswa tlitt elef erba' mija u sebgħin lira Maltin (Lm 3,470)[8];

Illi l-mutur twaħħal mad-dgħajsa tal-għamla "*Albatross*" li kellhom l-atturi. Xi xahrejn wara li l-attur kien xtara l-mutur, hu kien xtara skrun għad-dgħajsa mingħand ditta oħra[9]. L-attur kien jieħu d-dgħajsa għand mekkanik speċjalizzat fuq muturi *outboard* biex idurhulu darbtejn fis-sena – qabel ma jniżżel id-dgħajsa l-baħar u meta jkun tellagħha l-art għax-xitwa[10]. L-attur kien iżomm id-dgħajsa fil-garaxx tad-dar tiegħu f'Ta' Xbiex u sakemm tkun imniżżla l-baħar kien jirmiġġaha f'Ta' Xbiex ukoll[11];

Illi għall-ħabta tar-rebbiegħa tal-1997, meta l-attur ġie biex iniżżel id-dgħajsa l-baħar, ħarġet il-ħsara fil-mutur[12]. L-attur bagħat javża lill-mekkanik ta' Mizzi – wieħed Emanuel Schembri magħruf bħala "Leli Muturi" – b'li kien ġara u dan qal lill-attur li seta' jqabbad lil xi ħadd biex jara xi ħsara kellu u li kien irid jara (jew jibgħat lil xi ħadd biex jara) l-mutur meta jkun infetaħ. L-attur ħa l-mutur għand inġinier marittimu li sab li l-ħsara ma kinitx ġejja min-nuqqas ta' manutenzjoni tiegħu. Rappreżentanti ta' Mizzi kienu wkoll marru jaraw il-mutur maqlugħ għand l-imsemmi inġinier[13];

---

7 Dok "MB1", f'paġ. 13 tal-proċess
8 Li jġibu €8,082.93 fi flus tal-lum
9 Dok "DM02", f'paġ. 117 tal-proċess
10 Xhieda ta' Anthony Grixti 15.3.2001, f'paġ. 78 tal-proċess
11 Xhieda tal-attur 9.4.2003, f'paġ. 101 tal-proċess
12 Affidavit tal-attur 29.1.1999, f'paġ. 18 tal-proċess
13 Affidavit ta' Christopher Buġeja 28.1.1999, u xhieda ta' Stephen Bajada 14.5.2002, f'paġġ. 20 u 80 tal-proċess

Illi l-atturi żammew il-mutur fil-garaxx tad-dar tagħhom, li kien ukoll il-post fejn il-perit tekniku eżaminah[14];

Illi l-kawża nfetħet f'Ġunju tal-1997;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ jitolbu li, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis il-każ fil-mertu, jsir stħarriġ ta' żewġ eċċezzjonijiet li Mizzi qajmet fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha. Għalkemm fis-sottomissjonijiet tagħha ma semmiet xejn dwarhom, din il-Qorti trid tistħarriġhom xorta waħda, l-aktar għaliex baqgħet qatt ma rtirathom formalment. Dawn l-eċċezzjonijiet huma (i) dik tal-preskrizzjoni u (ii) dik li tgħid li l-bejgħ kien jeskludi l-garanzija tad-difett mistur;

Illi **dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** għandu jingħad li Mizzi tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħti lix-xerrej sitt (6) xhur żmien minn dak inhar tal-kunsinna biex iressaq l-azzjoni redibitorja jew estimatorja, skond liema tkun l-għażla tiegħu;

Illi huwa prinċipju mħaddem u aċċettat li min iqajjem il-preskrizzjoni ta' azzjoni mibdija kontrih, jaqa' fuqu li jipprova, fl-ewwel lok, li tkun tgħodd għall-każ il-preskrizzjoni eċċepita u wkoll li jkun għadda inutilment iż-żmien maħsub għal preskrizzjoni bħal dik qabel ma tkun inbdiet il-kawża. Min-naħa l-oħra, l-parti attriċi tista' dejjem twaqqa' l-eċċezzjoni billi ġġib provi li l-parti li tqanqal il-preskrizzjoni setgħet, b'xi għamil tagħha, irrinunzjat għaliha jew li kien hemm xi ċirkostanza li kisret il-mixja ta' preskrizzjoni bħal dik;

Illi, fis-sewwa, huwa meqjus li ż-żmien maħsub fl-artikolu 1431 m'huwiex daqstant żmien preskrittiv daqs kemm wieħed ta' dekadenza[15], b'mod li l-azzjoni trid tinbeda sa ma jagħlaq dak iż-żmien u ma jistax jitwal bil-ħruġ ta' att ġudizzjarju[16]. Madankollu, fejn l-azzjoni tkun waħda mibnija fuq id-difett mistur, iż-żmien imsemmi biex tinbeda

---

[14] Relazzjoni, f'paġ. 72 tal-proċess
[15] Ara, b'eżempju, Kumm. **26.3.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Cauchi vs Francis portelli noe*** (mhix pubblikata) u P.A. **6.7.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Antoinette Baldacchino vs Charles Baldacchino Lia*** (mhix pubblikata)
[16] P.A. TM **9.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vella noe vs Anthony Migneco***

l-azzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett[17] jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah[18]. U fejn il-ħaġa mixtrija tkun ta' sura tali li ma jkunx possibli li x-xerrej jintebah b'xi difett moħbi jekk mhux meta jseħħu xi ċirkostanzi partikolari, ż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu ma jibdiex jgħaddi qabel ma sseħħ xi ċirkostanza bħal dik, minkejja li jkun għadda żmien twil mix-xiri u l-konsinna tal-ħaġa[19]. Minbarra dan, l-imsemmi żmien jgħaddi minn dak inhar li jirriżulta d-difett moħbi u mhux minn dak inhar li l-ħaġa mixtrija tibda turi li fiha xi nuqqas[20];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ħareġ li l-mutur inxtara f'Lulju tal-1993 u l-kawża nbdiet f'Ġunju tal-1997. Iżda l-attur jgħid li d-difett ħareġ għall-ħabta ta' April tal-1997, meta ġie biex iniżżel id-dgħajsa l-baħar għall-istaġun u ma ħadimx. Mizzi ma ikkontestatx dan il-fatt, għalkemm xhud imressaq minnha jgħid li l-attur kien mar jilmenta dwar il-mutur fl-1995[21]. Il-Qorti ma jidhrilhiex li x-xhieda ta' Mizzi twassal biex tikkonvinċi, għaliex jeżistu ċirkostanzi oħra fl-atti tal-kawża li juru li l-ħsara fil-mutur ħarġet wara l-1995. Min-naħa l-oħra, xhieda mressqa mill-attur turi li l-gwaj ħareġ qabel l-istaġun tal-1997 u għalhekk ladarba l-kawża nfetħet fil-bidu ta' Ġunju ta' dik is-sena, ma jistax jingħad li l-kawża nfetħet wara ż-żmien;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-ftehim tal-bejgħ kien jeskludi l-garanzija** l-Qorti tqis li, għall-kuntrarju ta' dak allegat, il-ftehim ma jgħidx li ma kienx hemm garanzija. Il-klawsola 11 tal-ftehim (li Mizzi ssemmi bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tagħha f'Nota tagħha tat-12 ta' Ġunju, 1998[22]) issemmi li hemm garanzija (għalkemm ma tgħidx għal kemm żmien tibqa' tgħodd), fost l-oħrajn, għas-"*substitution of parts*

[17] Art. 1431(2) tal-Kap 16
[18] P.A. **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Paċe vs Joseph Paċe*** (mhix pubblikata)
[19] Kumm. **7.3.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Tanti vs Cassar noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.iii.779**)
[20] App. Kumm. **21.10.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Charles J. Xuereb vs John Attard et noe*** (mhix pubblikata)
[21] Xhieda ta' Stephen Bajada 30.5.2002, f'paġ. 84 tal-proċess
[22] Paġ. 12 tal-proċess

*which may result to be of faulty workmanship or defective manufacture*". Dawn il-kliem mhux talli ma jeskludux il-garanzija dwar id-difetti moħbija, iżda talli jispeċifikaw fiex jistgħu jikkonsistu tali nuqqasijiet fil-ħaġa mibjugħa sabiex tkun tgħodd għaliha dik il-garanzija. Żgur ma jistax jingħad li bil-kliem ta' dik il-klawsola l-għoti tal-garanzija kienet eskluża, kif trid il-liġi li jmissu jsir f'każ bħal dan[23];

Illi l-Qorti lanqas ma tqis li dik l-eċċezzjoni tgħodd sempliċement għaliex il-bejgħ tal-mutur *outboard* lill-attur kien sar bin-nifs. Huwa prinċipju li l-obbligu tal-bejjiegħ li jagħti l-garanziji jgħodd kemm fejn ikun hemm bejgħ mill-ewwel u kif ukoll fejn isir bejgħ kundizzjonat bil-*pactum reservati dominii* tipiku tal-kuntratt tal-*hire-purchase*[24];

Illi għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni m'hi sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti issa sejra tistħarreġ l-azzjoni attriċi fil-mertu biex tqis **jekk fil-waqt tal-bejgħ il-mutur *outboard* kienx milqut minn difett mistur**. Ladarba l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni redibitorja, dan ifisser li huma qegħdin jitolbu t-tħassir tal-kuntratt tal-bejgħ tal-mutur mixtri minnhom. Minħabba f'hekk qegħdin jitolbu r-radd lura tal-prezz sħiħ imħallas;

Illi l-elementi tal-azzjoni rexissorja magħżula mill-atturi jikkonsistu (a) f'bejgħ format ta' ħaġa milquta b'difett li jkun (b) gravi u serju, li (ċ) jkun mistur, u (d) li jkun diġa' jeżisti fil-waqt tal-bejgħ. Biex jista' jingħad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall-ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex kisibha (dan jissejjaħ difett gravi suġġettiv). X'aktarx li għall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, d-difett irid ikun oġġettivament serju. Difett ikun moħbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jagħmel eżami għaqli tal-ħaġa mixtrija bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qagħda li jista' jintebah bih fil-waqt tax-xiri[25].

[23] Art. 1426 tal-Kap 16
[24] Kumm. **11.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Busietta noe vs Borġ Cardona noe*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iv.348**)
[25] Art. 1425 tal-Kap 16

Iżda jekk difett ikun wieħed li jista' jidher jekk isir eżami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'għajn, ma jkunx jidher. B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilgħabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita' tal-ħaġa mixtrija biex jeħles mill-obbligu li jifli b'għaqal il-ħaġa minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'għandux il-ħila li jifli sewwa l-ħaġa mixtrija, għandu jdur għall-għajnuna ta' persuna midħla jew imħarrġa f'dak l-oġġett;

Illi jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova li l-ħaġa mibjugħa kienet milquta minn difett moħbi fil-waqt tal-ftehim, u daqstant ieħor trid turi li d-difett kien tassew wieħed moħbi[26]. Il-fatt li l-bejjiegħ ma jkunx huwa wkoll jaf li l-ħaġa hija milquta b'difett li ma jidhirx ma jnaqqas xejn mill-obbligu tiegħu li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa[27]. Iżda jekk jintwera li huwa kien jaf bih u ma tkellimx, ikun irid jagħmel tajjeb ukoll għad-danni li jkun ġarrab ix-xerrej minħabba f'dak is-skiet tal-bejjiegħ[28]. Il-bejjiegħ ibati t-telf tal-ħaġa jekk din tinqered minħabba d-difett[29], sakemm il-qerda ma sseħħx b'aċċident[30] jew minħabba l-fatt tax-xerrej, f'liema każi t-telf ibatih l-istess xerrej;

Illi jitqies bħala "difett" kull abnormalita', imperfezzjoni, ksur jew avarija li tnaqqas mill-ħaġa mibjugħa l-użu sħiħ li kienet maħsuba li twettaq[31]. Min-naħa l-oħra, huwa redibitorju dak id-difett li jolqot **b'mod rilevanti** jew il-mod kif il-ħaġa mixtrija taħdem jew taqdi, jew il-prezz tagħha[32];

Illi huwa stabilit li l-pretensjonijiet redibitorji jridu jitqanqlu b'azzjoni apposta fiż-żmien mogħti mil-liġi u ma jistgħux jitqajmu bħala eċċezzjoni għal azzjoni mill-bejjiegħ għall-ħlas tal-prezz[33]. Minbarra dan, meta x-xerrej jagħżel bejn l-azzjoni redibitorja u dik estimatorja, ma jistax iressaqhom flimkien, jew, wara li jkun għażel waħda, idur għall-oħra;

---

[26] P.A. NC **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Farruġia et. vs Michael A. Williams et***
[27] Artt. 1426 u 1429(2) tal-Kap 16
[28] Art. 1429(1) tal-Kap 16
[29] Art. 1430(1) tal-Kap 16
[30] Art. 1430(2) tal-Kap 16
[31] App. Ċiv. **29.1.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.279**)
[32] Torrente _Manuale di Diritto Privato_, (9[a] Ediz), par. 319, paġġ. 522-3
[33] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Abela*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.998**)

Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jeħtieġ li fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti jitqies (a) jekk il-ħaġa mibjugħa (jiġifieri l-mutur *outboard*) kienx milqut minn vizzju redibitorju, u (b) jekk l-atturi ġabux irwieħhom b'mod li jistgħu jsostnu t-talba tagħhom;

Illi jidher xieraq li jingħad li l-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu wasal għall-fehma li, "*in the balance of probabilities*" (sic), il-ħsara li ġrat fil-mutur mixtri mill-attur "ġrat minħabba li iż-żewġ *bolts* li jżommu iż-żewġ partijiet tal-*connecting rod* u li jżommu il-*bottom end bearing* inġibdu jew infetħu. Jekk ġara hekk dan jista' jitqies bħala difett fil-manufattura jew '*latent defect*'"[34];

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet, jidher għalhekk li l-perit wasal għall-fehma li l-mutur kienet milqut minn difett moħbi. Mizzi ressqet Nota biex tikkritika din il-konklużjoni peritali, iżda naqset milli teskuti lill-perit. Sakemm lill-Qorti ma tingħatax raġuni tajba biex ma toqgħodx mal-fehmiet u l-konklużjonijiet ta' perit tekniku maħtur minnha – aktar u aktar fejn l-espert ikun tqabbad f'qasam li l-Qorti ftit li xejn tifhem fih – il-Qorti m'għandhiex tiskarta l-fehmiet tal-perit b'ħeffa. Bosta mill-argumenti ta' Mizzi fil-kritika tagħha kienu fis-sura ta' argumenti ipotetiċi u spekulativi, u dawn ma humiex biżżejjed biex iwaqqgħu fehma ta' espert li jkun fela l-ħaġa u wasal għad-determinazzjoni tal-kawża tad-difett, imqar jekk ma jistax ikun kategoriku fil-konklużjoni tiegħu. Jidher ukoll li dak id-difett ma setax jintebah bih min ma jaqlax il-mutur u jżarmah. Fuq kollox, jidher li dak id-difett kien wieħed ta' serjeta' mhix traskurabbli, tant li wassal għal dak li ġara u l-mutur ma ħadimx aktar;

Illi ma jidhirx li l-atturi kienu traskurati jew setgħu, bi ftit għaqal, intebhu waħedhom li l-mutur mixtri kellu difett;

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-fehma li l-mutur kien tassew milqut minn difett moħbi fil-waqt li sar il-bejgħ tiegħu lill-attur;

---

[34] Relazzjoni, f'paġ. 75 tal-proċess

Illi, mbagħad, hemm it-tieni aspett li għandu jiġi mistħarreġ: jiġifieri l-imġiba tal-attur minn dak inhar li ħa l-mutur f'idejh. Ma ntweriex li l-attur kien traskurat jew negliġenti fil-mod kif uża l-mutur. Dan l-għaqal joħroġ mill-fatt li l-attur kien, regolarment, jieħu l-mutur u d-dgħajsa għall-manutenzjoni għand mekkanik ta' ħila u li kien tas-sengħa. Il-mutur kien jinżamm "in mint condition"[35]. Minbarra dan, ma jidhirx li l-attur qatt ħaddem il-mutur meta kien bil-ħsara u wera li hu qatt ma waħħallu skrun li ma kienx jgħodd għalih;

Illi, madankollu, l-akbar żball tal-atturi (għall-finijiet tal-azzjoni li għoġobhom jibdew) joħroġ mill-fatt li huma ma raddux lura l-mutur lil Mizzi. Lanqas ma ntwera li sar tentativ ta' offerta minnhom lilha f'dan is-sens jew ta' depożitu formali tal-mutur. Għalkemm ma jitħaddimx u mhux qiegħed jintuża, jidher li l-mutur għadu taħt il-kontroll jew l-influwenza patrimonjali tal-atturi, tant li l-aċċess tal-perit tekniku sar fil-garaxx tad-dar tal-istess atturi;

Illi r-radd lura lill-bejjiegħ tal-ħaġa mixtrija misjuba difettuża huwa rekwiżit kruċjali għas-suċċess tal-azzjoni redibitorja, u huwa l-element li jagħraf dik l-azzjoni mill-azzjoni estimatorja (*vel quanti minoris*), fejn ix-xerrej ikun qiegħed jippretendi biss it-tnaqqis fil-prezz u mhux it-tħassir tal-kuntratt. Dan joħroġ ċar minn kliem l-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi dwar dan, ingħad mill-Qrati tagħna li "*Fondamentali ... hu l-prinċipju li l-actio redhibitoria kienet timponi fuq il-kompratur 'li jagħti lura l-ħaġa' u ċjoe' r-restituzzjoni ta' l-oġġett mixtri mill-venditur u kontestwalment li 'jitlob ir-radd tal-prezz'. Il-liġi ma tippermetti allura l-ebda alternattiva oħra lill-kumpratur li jagħżel li jaġixxi bl-azzjoni redibitorja. Fil-verita' allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jżomm l-oġġett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tiegħu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oġġett mibjugħ*

[35] Xhieda ta' Anthony Grixti 15.3.2001, f'paġ. 78 tal-proċess

*għaliex ikun irriskontra d-difett latenti jagħti lura l-ħaġa lill-venditur*"[36];

Illi l-ħarsien ta' dan l-obbligu tax-xerrej (ladarba jkun għażel li ma jridx l-oġġett) jaf il-ħtieġa tiegħu għall-fatt li l-effett tal-azzjoni redibitorja huwa wieħed li jħassar in-negozju u li jerġa' jqiegħed lill-partijiet fl-istess qagħda li kienu qabel intlaħaq il-ftehim[37]. Dan jingħad għaliex l-oġġett ikun irid jintradd lura fl-istess kundizzjoni u stat (ukoll jekk diġa' milqut b'difett jew nuqqas) li kien meta ntlaħaq il-ftehim. Għalhekk, jekk kemm-il darba l-ħaġa ddum f'idejn ix-xerrej u tilħaq titgħarraq, ma jkunx jista' jintlaħaq l-għan tar-rexissjoni. Dan jingħad b'qawwa akbar jekk it-tgħarriq iseħħ bil-fatt tal-imġiba tax-xerrej[38]. Kemm hu hekk, huwa aċċettat li ż-żamma min-naħa tax-xerrej tal-ħaġa mixtrija minkejja d-difett li fiha "*preclude l'azione di risoluzione, non per la sola materiale impossibilita` di rimettere le parti nelle condizioni nelle quali si trovavano nel momento del contratto, bensi` in quanto costituisca una non equivoca dimostrazione di un comportamento incompatibile con la volonta` e con la finalita` di provocare lo scioglimento del vincolo ed una dimostrazione del fatto che l'acquirente abbia inteso accettare la res compravenduta nonostante la presenza dei vizi o difetti*"[39];

Illi din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-liġi tagħti żmien perentorju relativament qasir biex wieħed iressaq azzjoni dwar il-garanzija;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti tasal għall-fehma li jonqos fl-azzjoni attriċi kif imressqa element siewi u meħtieġ li mingħajru ma tistax tirnexxi. Għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[36] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Busietta noe vs Borġ Cardona et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1085**)
[37] Art. 1209(1) tal-Kap 16
[38] Ricci <u>*Diritto Civile*</u> Vol VII, par 183; u Borsari <u>*Commentario del Codice Civile Italiano*</u> Vol IV.
[39] Cassaz. **8.11.1965** nru. 2327

**Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-mutur *outboard* mixtri mill-attur f'Lulju tal-1993 kien milqut minn difett moħbi serju li x-xerrej ma setax jintebah bih waqt il-kuntratt;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** għaliex jonqos element meħtieġ biex l-azzjoni redibitorja mibdija mill-atturi tista' tintlaqa' u dan minħabba li l-istess atturi żammew għandhom l-imsemmi mutur;

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull parti tbati **l-ispejjeż tagħha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------